A.L. 11 ta' l-1980

ATT TA' L-1977 DWAR L-ENEMALTA (ATT NRU. XVI TA' L-1977)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 39 ta' l-Att ta' l-1977 dwar l-Enemalta, l-Enemalta, bl-approvazzjoni tal-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, għamlet ir-regolamenti li ġejjin: —

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1939 fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 223 ta' l-1940

Iżid regolament ġdid 90 mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 89 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Restrizzjonijiet dwar l-użu tal-provvista

90. (1) Ebda persuna ma għandha tħalli jew tippermetti li jitħalla dawl elettriku, ħlief dak id-dawl għal sigurtà li jkun assolutament meħtieġ, f'xi post jew barra xi post, li ma jkunx post ta' abitazzjoni, ħlief matul il-ħinijiet tax-xogħol applikabbli għal dak il-post.

(2) Iċ-*Chairman* ikollu s-setgħa li jissospendi l-provvista lil dawk il-postijiet jekk id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikunu miksura.

(3) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament —

(a) "ħinijiet tax-xogħol" tfisser dak il-ħin li matulu postijiet kummerċjali u industrijali jinżammu miftuħa għall-pubbliku u tinkludi dak il-ħin li matulu persuni, barra minn persunal tas-sigurtà tagħhom, ikunu qed jaħdmu hemmhekk:

Iżda dwar *showrooms* u tabelli tar-reklami kull ħin nhar ta' Ħadd u btajjel pubbliċi oħra, kull ħin iktar kmieni mis-7 a.m. f'kull jum ieħor u kull ħin iktar tard mit-8 p.m. nhar ta' Sibt jew iktar tard mis-7 p.m. f'kull jum bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, li ma jkunx btala pubblika, għandhom jitqiesu li m'humiex ħinijiet tax-xogħol;

(b) "postijiet kummerċjali" ma tinkludix dik il-parti tal-post li tkun użata biss għal għanijiet ta' abitazzjoni, iżda tinkludi kull parti ta' xi post li fuqu jkun hemm tabella tar-reklami;

(ċ) "dawl għal sigurtà" tfisser għajn ta' dawl li ma jkollux xi jtellfu li tagħti *rated output* ta' mhux iżjed minn 60 watts għal kull 100 metru kwadru ta' l-*area* ta' l-art fejn l-imsemmija għajn ta' dawl tkun maħsuba biex iddawwal sabiex persuni li jidħlu hemmhekk illegalment ikunu jidhru, jew dik l-għajn ta' dawl kif jiġi awtorizzat miċ-*Chairman*.".